**197. Id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi:**

Billi skont l-artikolu 8 tal-Att tal-1982 li Jirregola t-Trasferiment ta' Immobili dak l-Att għandu jibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 1984 u mbagħad jintemm; iżda jekk iż-żmien li dak l-Att ikun fis-seħħ il-Kamra tad-Deputati tgħaddi Riżoluzzjoni illi dak l-Att jibqa' fis-seħħ għal żmien ta' sena oħra jew għal żmenijiet iqsar kif speċifikat fir-Riżoluzzjoni, miż-żmien li xort'oħra jtemm, dak l-Att għandu jibqa' fis-seħħ għal dak iż-żmien ieħor;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-imsemmi Att ikompli fis-seħħ għal żmien ta' sena oħra sal-31 ta' Diċembru, 1985.

28 ta' Novembru 1984